# FORMOLA TAD-DIKJARAZZJONI TAL-FLUS KONTANTI

MT

**Numru ta' referenza**

*Aqra n-noti li hemm fuq wara qabel ma timla din il-formola.*

*UŻA ITTRI KBAR / IMMARKA KIF XIERAQ*

| **1. Inti** | ☐ **Dħul fl-UE** /MT | ☐ **Ħruġ mill-UE** /MT |
|---|---|---|

| **2. Żid id-dettalji personali tiegħek** | ☐ **Maskili** ☐ **Femminili** | Post tal-ħruġ | |
|---|---|---|---|
| Kunjom(ijiet) | | Data tal-ħruġ | J J X X S S S S |
| Isem (Ismijiet) | | Numru tal-ID | |
| Nazzjonalità | | Indirizz | |
| Data tat-twelid | J J X X S S S S | (Triq / nru.) | |
| Post tat-twelid | | Belt | |
| Dokument tal-ID | ☐ Passaport ☐ ID ☐ Oħrajn | Kodiċi postali | |
| Numru tal-passaport jew ID | | Pajjiż | |

| **3.Inti l-proprjetarju** | ☐ Iva (mur għall-parti 4) | Le, il-proprjetarju huwa: (imla d-dettalji tal-proprjetarju) | ☐ Entità legali ☐ Persuna fiżika: |
|---|---|---|---|
| Entità legali | | Indirizz | |
| | | (Triq / nru.) | |
| Numru tal-VAT | | Belt | |
| Kunjom(ijiet) | | Kodiċi postali | |
| Isem (Ismijiet) | | Pajjiż | |

**4. Dettalji dwar il-flus kontanti/l-istrumenti monetarji**

| | **Ammont** | **Munita** |
|---|---|---|
| Flus tal-karti, muniti | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| Oħrajn (speċifika) | | |

| **5. L-oriġini u l-użu maħsub tal-flus kontanti/l-istrumenti monetarji** | | | |
|---|---|---|---|
| Oriġini | | | |
| L-użu maħsub | | | |
| Inti r-riċevitur maħsub | ☐ Iva (mur għall-parti 6) | Le, ir-riċevitur maħsub huwa: (imla d-dettalji tar-riċevitur maħsub) | ☐ Entità legali ☐ Persuna fiżika |
| Entità legali | | Indirizz | |
| | | (Triq / nru.) | |
| Numru tal-VAT | | Belt | |
| Kunjom(ijiet) | | Kodiċi postali | |
| Isem (Ismijiet) | | Pajjiż | |

| **6. Dettalji tat-trasport** | | | |
|---|---|---|---|
| Mezz tat-trasport | ☐ **Bl-ajru** ☐ **Bil-baħar** ☐ **Bil-triq** ☐ **Bil-ferrovija** ☐ **Oħrajn** | | |
| Kumpanija tat-trasport | | Numru ta" referenza | |
| Pajjiż tat-tluq | | Data tat-tluq: | J J X X S S S S |
| Permezz ta' (Pajjiż ta' Tranżitu) | | Data ta' tranżitu | J J X X S S S S |
| Pajjiż tad-destinazzjoni | | Data tal-wasla | J J X X S S S S |

**7. Firma tad-dikjarant**

Niddikjara li d-dettalji mogħtija hawn fuq huma korretti. Jien mgħarraf li dikjarazzjoni falza, mhix eżatta jew mhix kompluta tista' twassal għal penali, detenzjoni jew konfiska tal-flus kontanti mill-awtorità kompetenti.

Data: J J X X S S S S

**Firma u timbru tal-awtorità kompetenti**

**Għall-użu uffiċjali biss**

Reġistrazzjoni ☐ iva ☐ le

Penali ☐ iva ☐ le

Ammont tal-penali ______

**INFORMAZZJONI ĠENERALI:**

*L-obbligazzjoni li jiġu dikjarati l-flus kontanti mad-dħul fl-Unjoni Ewropea jew mal-ħruġ minnha hija parti mill-istrateġija tal-Unjoni Ewropea biex jiġi evitat il-ħasil tal-flus u għall-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Kwalunkwe persuna naturali li tidhol f', jew titlaq minn Malta ghandha tiddikjara flus kuntanti lill-awtoritajiet kompetenti ta' Malta.*

*Inti għandek timla din il-formola jekk tkun dieħel fl-Unjoni Ewropea jew ħiereġ minnha b'ammont ta' EUR 10 000 jew aktar fi flus kontanti (jew l-ekwivalenti f'muniti oħra) [Regolament (KE) Nru 1889/2005, Artikolu 3 (1)] u meta tkun diehel f', jew hiereg minn Malta [A.L.149 ta' 2007, Artikolu 3].*

*Skont ir-Regolament (KE)Nru 1889/2005 Artikolu 2(2) għandek tiddikjara:*
*a) strumenti negozjabbli għall-portatur inklużi strumenti monetarji f'forma għall-portatur bħal ċekkijiet tal-vjaġġaturi , strumenti negozjabbli (inklużi ċekkijiet, ċedoli u ordnijiet ta' flus (money orders) li huma jew f'forma għall-portatur, approvati mingħajr restrizzjoni, mogħtija lil benefiċjarju fittizju, jew inkella f'forma tali li t-titoli tagħhom jiġu trasferiti mal-wasla tagħhom, u strumenti mhux kompluti (inklużi ċekkijiet, ċedoli u ordnijiet ta' flus ) iffirmati, iżda mingħajr l-isem tal-benefiċjarju;*
*b) Munita (flus tal-karti u muniti li jkunu fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju).*

*Fil-każ ta' informazzjoni falza, mhix eżatta jew mhix kompluta, il-firmatarju jiġi kkunsidrat li ma ssodisfax l-obbligazzjoni t'hawn fuq u jkun soġġett għal penali jew inkella l-flus kontanti tiegħu jiġu miżmuma jew konfiskati mill-awtoritajiet kompetenti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti ta' Malta [A.L. 149 ta' 2007, Artikolu 3 (3), (4), (5)] u r-Regolament (KE) Nru 1889/2005, Artikoli 3(1) u 9(1). L-informazzjoni u d-dejta personali jiġu rreġistrati u pproċessati mill-awtoritajiet kompetenti [Regolament (KE) Nru 1889/2005, Artikolu 5 (1)] u tkun disponibbli għall-awtoritajiet li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2005/60/KE. Id-dejta tiġi ttrattata skont ir-regoli applikabbli u rilevanti dwar il-protezzjoni tad-dejta. [Kap. 440, SL 440.05 u SL 44.06].*

**NOTI TA' SPJEGA**

Il-partijiet kollha bl-abjad għandhom jimtlew b'ittri kapitali u b'linka skura *(uża, fejn mitlub, ittra waħda/numru wieħed għal kull kaxxa)* mid-dikjarant; il-partijiet bil-griż huma għall-użu tal-awtoritajiet kompetenti.

**1. Dħul fl-UE/MT u Ħruġ barra mill-UE/MT**
Immarka l-kaxxa Dħul fl-UE/MT meta tkun dieħel fl-Unjoni Ewropea/Malta waqt vjaġġ li beda barra mill-Unjoni Ewropea/Malta.
Immarka l-kaxxa Ħruġ mill-UE/MT meta tkun ħiereġ barra mill-Unjoni Ewropea/Malta waqt vjaġġ li se jispiċċa barra mill-Unjoni Ewropea/Malta.
Jeħtieġ tagħmel dikjarazzjoni mad-dħul u l-ħruġ tiegħek, anke jekk tkun biss fi tranżitu. Kun af li jista' jkollok tagħmel aktar dikjarazzjonijiet f'punti oħra ta' qsim tal-fruntieri nazzjonali tal-vjaġġ tiegħek.

**2. Dettalji personali tad-dikjarant**
Jekk jogħġbok niżżel id-dettalji kif jidhru fuq id-Dokument tal-ID tiegħek (l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħmlu kopja tad-dokumenti tal-ID u/jew tal-ivvjaġġar tiegħek)
In-numru tal-ID: Jekk jogħġbok niżżel in-numru personali tiegħek tal-identifikazzjoni fiskali, in-numru personali tas-sigurtà soċjali jew numru tal-identifikazzjoni personali uniku simili.

**3. Dettalji personali tal-proprjetarju**
Jekk m'intix il-proprjetarju tal-flus kontanti, niżżel id-dettalji tal-proprjetarju. Il-proprjetarju jista' jkun persuna fiżika jew entità legali. Immarka l-kaxxa adattata u imla d-dettalji. Kun ċert li tniżżel in-numru tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), jekk tafu.
Jekk hemm aktar minn proprjetarju wieħed, jekk jogħġbok niżżel id-dettalji tal-proprjetarji l-oħra fid-dokument annessi. Għal dan l-iskop jistgħu jintużaw kopji żejda tal-formola tad-dikjarazzjoni. L-informazzjoni kollha se tikkostitwixxi dikjarazzjoni waħda. Il-paġni annessi kollha għandhom ikunu ffirmati.

**4. Dettalji dwar il-munita u l-istrumenti negozjabbli għad-detentur**
Jekk jogħġbok indika l-ammont eżatt għal kull munita u għal kull tip ta' strument negozjabbli għad-detentur. L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata fil-format li ġej: Pereżempju EUR 10 358 jew USD 17 501 jew GBP 19 471,18 jew ċekkijiet tal-vjaġġaturi għal valur ta' EUR 15 000.
Bħala regola ġenerali, id-definizzjoni ta' kontanti tinkludi l-istrumenti monetarji kollha li jistgħu ikunu trasferiti b'mod anonimu bejn persuna w'oħra. Id-definizzjoni ta' kontanti tinstab mal-'Informazzjoni Ġenerali' fil-bidu ta' din il-paġna.

**5. L-oriġini u l-użu maħsub tal-flus kontanti/l-istrumenti monetarji**
L-Oriġini : Jekk jogħġbok indika minn fejn ġejjin il-flus kontanti dikjarati, pereżempju wirt, tifdil, minn bejgħ ta' proprjetà, eċċ.
Jekk jogħġbok spjega l-użu maħsub tagħhom fil-qosor: Pereżempju akkwist ta' proprjetà, investiment eċċ.

Ir-riċevitur maħsub jista' jkun persuna fiżika jew entità legali (pereżempju kumpanija). Immarka l-kaxxa adattata u imla d-dettalji.
Kun ċert li tniżżel in-numru tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), jekk tafu.
Jekk hemm aktar minn riċevitur maħsub wieħed, jekk jogħġbok niżżel id-dettalji tar-riċevituri maħsubin l-oħra fid-dokument annessi. Għal dan l-iskop jistgħu jintużaw kopji żejda tal-formola tad-dikjarazzjoni. L-informazzjoni kollha se tikkostitwixxi dikjarazzjoni waħda. Il-paġni annessi kollha għandhom ikunu ffirmati.

**6. Dettalji tat-trasport**
Immarka **"Bl-ajru"/** hekk kif tasal/titlaq bl-ajruplan. Jekk jogħġbok agħti n-numru tat-titjira jew in-numru reġistrat tal-ajruplan fil-Kaxxa "Numru ta' referenza"
Immarka **"Bil-baħar"/** hekk kif tasal/titlaq bil-baħar. Jekk jogħġbok agħti d-dettalji tal-linja tat-tbaħħir fil-Kaxxa "Numru ta' referenza".
Immarka **"Bit-triq"/** hekk kif tasal/titlaq bi kwalunkwe tip ta' vettura tat-triq li taħdem bil-mutur (karozza, xarabank, trakk, mutur eċċ.). Jekk jogħġbok agħti n-numru ta' reġistrazzjoni uffiċjali u l-kodiċi tal-pajjiż tal-vettura fil-Kaxxa "Numru ta' referenza";
Immarka **"Bil-ferrovija"/** hekk kif tasal/titlaq bil-ferrovija. Jekk jogħġbok agħti t-tip ta' ferrovija u n-numru tal-ferrovija fil-Kaxxa "Numru ta' referenza";
Immarka **"Oħrajn"** jekk l-ebda mill-metodi l-oħra tat-trasport ma kienu użati (pereżempju vjaġġar bil-mixi, bir-rota).

**7. Firma tad-dikjarant**
Jekk jogħġbok iffirma d-dikjarazzjoni u niżżel id-data. Tista' ssaqsi għal kopja ffirmata uffiċjalment tad-dikjarazzjoni tiegħek.